

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

A6-0465/2007

23.11.2007

*

RAPPORT

dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej
(14320/2007 – C6-0411/2007 – 2007/0820(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: Jo Leinen

(Proċedura ssimplifikata - Artikolu 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħha
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħha
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħha, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, appartil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħha
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħha, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħha, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***gawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS	7
PROĊEDURA	8

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej
(14320/2007 – C6-0411/2007 – 2007/0820(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill (14320/2007),
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2007)0364),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 279 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0411/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-ittra tal-Kumitat għall-Bagħits (A6-0465/2007),
1. Japprova l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif l-aħħar emndat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1.)

² ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1

NOTA SPJEGATTIVA

Il-ħolqien tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1605/2002, rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bagħit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej hu konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jiġu sseparati mill-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli għall-finanzjament tagħhom (COM(2007) 364 finali) l-elementi li għandhom deroga mir-Regolament Finanzjarju fil-forma preżenti tiegħu.

Minħabba l-fatt li l-Kumitat għall-Affarijjiet Kostituzzjonali digħi ddiskuta u approva b'emdni l-proposta tal-Kummissjoni (ara r-Rapport A6-0412/2007), bil-għan li jkun possibbli d-dħul fis-seħħħ tar-Regolamenti emendati qabel l-aħħar tas-sena 2007, il-Kumitat iddeċċieda li japplika l-proċedura ssimplifikata skond l-Artikolu 43 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Wara li ħa nota ta' l-opinjoni favorevoli mogħtija mill-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat approva l-proposta ppreżentata mill-Kunsill mingħajr emendi.

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

Ref.: D(2007) 72117

Is-Sur Jo Leinen
Chairperson
Kumitat għall-Affarijiet
Kostituzzjonali
Parlament Ewropew
Rue Wiertz
B-1047 Brussell

Għażiż Sur Leinen

Hu b'interess kbir li nnutajt li l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, fit-22 ta' Ottubru 2007, għadda r-rapport tiegħu dwar il-modifika tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli għall-finanzjament tagħhom u li l-biċċa l-kbira tal-proposti magħmula fl-opinjoni tal-Kumitat għall-Bagħits ġew inklużi fir-rapport finali tagħkom.

Sadattant, test ieħor ġie trażmess b'mod uffiċjali lill-Parlament Ewropew, “abbozz ta’ Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1605/2002, wara d-deċiżjoni ta’ “splitting” meħuda mill-Coreper fl-24 ta’ Ottubru 2007” (Dokument tal-Kunsill 14320/07). Ukoll din il-proposta li temenda r-Regolament Finanzjarju ġiet attribwita lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali bħala kumitat ewljeni.

Il-ħtieġa ta’ eċċeżżjoni tar-regola li ma jkunx hemm profitt għal għotjiet għal partiti politiċi kienet element ewljeni ta’ l-aħħar reviżjoni tar-regolament Finanzjarju kif adottat f'Diċembru 2006. Kienet l-emenda 102 dwar il-modifika ta’ l-Artikolu 109, il-paragrafu 3, il-punt (d a) (ġdid) tar-rapport tal-Kumitat għall-Bagħits, li ttieħed vot fuqha fis-Sessjoni Plenarja fil-15 ta’ Marzu 2006 (P6_TA(2006)0085) li tat bidu għar-riforma preżenti.

Minħabba li l-Kumitat għall-Bagħits dejjem kien ta’ l-opinjoni li din kienet kwistjoni li kellha tīgi solvuta biss fir-Regolament Finanzjarju, tifhem li hu sodisfatt ħafna kif ġraw l-affarijiet u li jiista’ jappoġġja bi sħiħ it-test tal-Kunsill li dwaru issa qed jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew.

Dejjem tiegħek,

Reimer Böge

PROĊEDURA

Titolu	Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1605/2002 (Regolament Finanzjarju)		
Referenzi	14320/2007 - C6-0411/2007 - 2007/0820(CNS)		
Data meta ġie kkonsultat il-PE	25.10.2007		
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO 15.11.2007		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 15.11.2007	CONT 15.11.2007	
Opinjoni(jet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	BUDG 21.11.2007	CONT 21.11.2007	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Jo Leinen 22.11.2007		
Proċedura ssimplifikata - data tad-deċiżjoni	22.11.2007		
Eżami fil-kumitat	22.11.2007		
Data ta' l-adozzjoni	22.11.2007		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	11 2 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jim Allister, Enrique Barón Crespo, Bastiaan Belder, Richard Corbett, Maria da Assunção Esteves, Ingo Friedrich, Anneli Jääteenmäki, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Íñigo Méndez de Vigo, Johannes Voggenhuber		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Graham Booth, Costas Botopoulos, Elmar Brok, Georgios Papastamkos		
Data tat-tressiq	23.11.2007		